MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-15 ta' April, 2014

Numru 371/2014

**IL-PULIZIJA**

**(SPETTUR ELTON TALIANA)**

**(SPETTUR JONATHAN RANSLEY)**

**VS**

**PAUL GAUCI BORDA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Paul Gauci Borda ta` 21 sena, imwieled Haz-Zebbug nhar il-15 ta' Ottubru 1992, iben Paul u Rita xebha Fenech, residenti flt 1, D'Aniens Court, Triq San Albert, Gzira u detentur tal-karta ta` l-identita` 481492(M).

Talli;

1. F'xi hin fis-06 ta' Frar 2014 ikkometta serq ta` diversi ogetti, *keychains* u *purses* mill-istabiliment Coccinella li jinsab Tower rd, Sliema, ghad-detriment ta` Lorna Mamo u/jew persuni ohra, liema serq ma jeccedix is-somma ta` mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94)

2. U aktar talli f`xi hin fit-22 ta` Marzu 2014 ikkometta serq ta, Blades mill-istabiliment Medica li jinsab Naxxar rd,Birkirkara, ghad-detriment ta` Robert Aquilina u/jew persuni ohra, liema serq ma jeccedix is-somma ta` mitejn u tnejn u tletin euro u disghin centezmu (€232.94).

3. U aktar talli f`xi hin fil-25 ta' Marzu 2014 ikkometta serq ta, Perfumes mill-istabiliment Microcopy li jinsab triq L-iMhallef Paolo Debono, Msida, ghad-detriment ta` Carlo Cassar u/jew persuni ohra liema serq ma jeccedix is-somma ta` mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

4. U aktar talli f`xi hin fil-25 ta' Marzu 2014 ikkometta serq ta, Blades u Gel mill-istabiliment Kmart Supermarket li jinsab Triq Nazju Ellul, Gzira, ghad-detriment ta` Ammar El Saadi u/jew persuni ohra liema serq ma jeccedix is-somma ta` mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

5. U aktar talli f`xi hin fis-26 ta' Marzu 2014 ikkometta serq ta, Sigaretti mill-istabiliment Tal-Qroqq Confectionery li jinsab Triq Edgar Bernard, Gzira, ghad-detriment ta` William Schembri u/jew persuni ohra liema serq ma jeccedix is-somma ta` mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

6. U aktar talli f`xi hin fis-27 ta' Marzu 2014 ikkometta serq ta, Perfume mill-istabiliment Me to You li jinsab Triq ix-Xatt ta` tax-Xbiex, Msida. Ghad-detriment ta` Jason Jones u/jew persuni ohra liema serq ma jeccedix is-somma ta` mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

7. U aktar talli f`xi hin fil-05 ta' April 2014 ikkometta serq ta, *digital camera u laptop* minn go kamra 407, Sliema Hotel, ix-Xatt, Sliema, ghad-detriment ta` Paschalia Tsianaka u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-mezz, liema valur jeccedi is-somma ta` mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u dsighin centezmu (€232.94).

8. U aktar talli f`xi hin fis-07 ta' April 2014 ikkometta serq ta` 'batteries` mill-istabiliment `Bellas` li jinsab Triq Paola, Hal- Tarxien, ghad-detriment

ta` Rudolph Marmara u/jew persuna/i ohra liema serq ma jeccedix is-somma ta` tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29).

9. U aktar talli naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar minn wahda, mill-Kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Magistrat Dr Carol Peralta LLd mid-digrieti u li permezz taghhom huwa nghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jiffirma gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta` tas-Sliema u li ma jikkommettux delitt iehor ta` natura volontarja;

10. U aktar talli sar recidiv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikololi 284, 261, 263, 267, 285, 579, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Din il-Qorti fuq ammissjoni ssibb lill-istess imputat hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghaldaqstant qieghda tikkundannah piena ta` sentejn prigunerija.

Tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest moghti lill-imputat fi procedure ohra, u ghaldaqstant tordna l-arrest mill-gdid tal-imputat;

Finalment il-Qorti qieghda tirrakkomanda li jinzamm fit-taqsima forensika tal-Isptar Monte Carmeli.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------